MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 392/2009

**Focal Maritime Services Company Limited C 21561**

**Vs**

**Top Hat Co. Limited C 1578**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' f'isem il-principal taghha Sermar Line SRL ta' Via Volta 2, Venezia, Marghera, l-Italja s-somma ta' sitt elef seba' mija u erbghin ewro (euro 6,740) dovuti bhala 'demurrage charges' mill-1 ta' Novembru 2008 sal-1 ta' Ottubru 2009 in konnessjoni mal-container nru SERU2200660 ex m/v Carola voy. 022, Bill of Lading Dok 'A' li ntbaghat minn Malta ghat-Turkija, Istanbul.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 t'Ottubru 2009 u bl-imghax leglai  sal-effettiv pagament kontra l-intimata li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 5 tal-istess atti.

Rat ir-risposta guramentata (fol 11 ibid) eccepiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda u dana peress li s-socjeta eccipjenti ma' hija resposnabbli ghal ebda hlasijiet u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dina l-kawza;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 15 ibid.

Rat ukoll l-atti tal-kawza fl-istess ismijiet  (rikors numru 289/06JAB) u li giet deciza llum stess minn din il-Qorti kif presjeduta.

Ikkunsidrat

Illi, kif premess, qed issir referenza ghall-atti tar-rikors numru 289/06 JAB, fl-istess isimijiet, liema rikors kien jittratta l-istess meritu izda ghal perjodu ta' 'demurrage' differenti.  Din il-Qorti thoss li hu sufficjenti sabiex jigi deciz dan il-kaz, ghall-provi kollha prodotti waqt is-smiegh tar-rikors numru 289/06JAB peress li kollha huma rilevanti.

Illi, pero, l-istess Qorti tixtieq izzid is-segwenti punti:

1) F'dan il-kaz, inghata differiment sabiex is-socjeta' konvenuta tippresenta nota sabiex tispjega u tispeicifka l-eccezzjoni sottomessa.  Izda dan qatt ma sar u ghalhekk din il-Qorti, anke, f'dan il-kaz, tinsab rinfacjata b'sitwazzoni fejn qed jinghad, biss, illi hi mhux responsabbli ghal ebda hlasijiet '… u dana kif ser jirrisulta waqt is-smiegh ta' din il-kawza'.

2) Ghandu jissemma' illi fl-atti ta' din il-kawza xehdet, ukoll kif gara fil-kaz l-iehor, Charlene Barbara (fol 23 u fol 24 ibid) u din fis-sustanza, xehdet l-istess bhal ma ntqal minnha fir-rikors numru 289/06JAB. Ziedet tghid biss illi s-socjeta' konvenuta hallset il-'freight' u illi, sad-data meta xehdet cjoe fid-29 ta' Settembru 2010 '… ma jistghux nuzaw il-'container' in kwistjoni li qed, presentement kif di gja spjegajt f'Istanbul'.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha anke f'dan il-kaz tigi akkolta tenut kont, ukoll, dwar dak li nghad in rigward l-eccezzjoni kif sottomessa mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici kollha kif dedotti mir-rikors in esami u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €6740 bl-imghax legali mis-16 ta' Ottubru 2009 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2009. B'riserva ghal kull azzjoni 'si et quatenus' spettanti lill-istess socjeta' attrici in rigward l-istess materja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------